**Kunsill Lokali Naxxar**

# <u>Il-Pjan ta' Ħidma</u>

**2011 – 2013**
**(ikopri l-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2013)**

**Il-Werrej**


| | |
|---|---|
| ***Introduzzjoni u Analiżi tas-sitwazzjoni*** | ***1*** |
| ***L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri*** | ***2*** |
| ***L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġija*** | ***3*** |
| ***L-Organizzazzjoni*** | ***11*** |
| ***It-Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment*** | ***12*** |

Dan il-Pjan ta' tliet snin ikopri l-perjodu l-1 ta' Jannar 2011sal-31 ta' Diċembru 2013.

Il-Pjan huwa wieħed mill-għodod l-aktar importanti fil-ħidma ta' kull organizzazzjoni għaliex permezz tiegħu l-istess organizzazzjoni tistqar l-impenn għall-ħidma futura tagħha billi tistabbilixxi l-viżjoni tal-organizzazzjoni kif ukoll billi, permezz tal-istrateġiji elenkati fil-Pjan, tasal li twettaq il-viżjoni tagħha. Minħabba fl-importanza kbira li għandhom il-Kunsilli Lokali, bħala Gvernijiet Lokali, ma jistax jonqos li dan il-Pjan ikollu post importanti fil-ħidma tagħhom. Fil-każ tal-Kunsilli Lokali, dan isir dejjem fil-kuntest tal-missjoni tal-Kunsill, missjoni li l-qofol tagħha toħroġ mill-liġi tal-Kunsilli Lokali.

Filwaqt li dan il-Pjan iservi wkoll bħala l-kejl li bih il-Kunsill ikejjel ħidmietu, m'għandu jkun qatt li jirrestrinġi lill-Kunsill milli jiżviluppa ideat ġodda, speċjalment f'ħidma dinamika bħalma hija tal-Kunsill u meta tiddependi ħafna miċ-ċirkostanzi esterni tal-Kunsill, aktar milli interni. Dan però għandu jsir b'attenzjoni u b'reqqa biex jiżgura li d-direzzjoni tkun l-istess ħalli b'hekk verament dan id-dokument iservi ta' għodda tajba.

Biex ikun Pjan dinamiku l-Kunsill irid jibqa' jġedded il-viżjoni u l-istrateġiji skont iċ-ċirkostanzi tal-mument f'dinja li dejjem qed tinbidel u fi sfidi u opportunitajiet ġodda. Fil-mument dan japplika b'mod partikulari għas-sitwazzjoni finanzjarja fid-dinja li ma jistax ikun li ma tolqotx lil pajjiżna u lil-lokalità tagħna b'mod negattiv. Madanakollu, l-opportunitajiet li għandu l-Kunsill huma kbar u sta għalih, permezz tal-istrutturi tiegħu, li jisfrutta kull opportunità li tiġi.

**Dr Maria F. Deguara, M.D., MMCFD**
Sindku

**Paul Gatt**
Segretarju Eżekuttiv

## 2.1 L-Istqarrija tal-Missjoni

Biex jgħolli l-kwalità tal-ħajja tar-residenti tiegħu billi joffri u jżid servizzi ta' l-aqwa livelli.

## 2.2 Il-Valuri

*Il-Valuri tal-Kunsill Lokali Naxxar huma:*

- Il-promozzjoni ta' l-interess tal-komunità tagħna filwaqt li ma ninsew qatt il-bżonnijiet ta' individwi b'sitwazzjonijiet partikulari.
- Amministrazzjoni ġusta u trasparenti fix-xogħol tal-Kunsill.
- Rispett għall-opinjonijiet u twemmin diversi tal-komunità tagħna 'l bogħod minn kull politka partiġjana.
- Rispett għall-ambjent u l-wirt kulturali u storiku tan-Naxxar.

## 3. L-Għanijiet u r-Riżultati Mistennija

| Il-miri tagħna | Meta maħsub li jitwettaq | Ir-Riżultati Mistennija/Strateġija |
|---|---|---|

### 3.1 SERVIZZ LIL U INVOLVIMENT TAR-RESIDENTI

| | | |
|---|---|---|
| Id-devoluzzjoni mill-gvern ċentrali lill-kunsilli għandha tinfirex u tinżel 'l isfel kemm jista' jkun.<br>Demokratizzazzjoni tad-deċiżjonijiet<br>Biex ir-residenti kollha jħossuhom parteċipi fit-tmexxija tal-lokalità | | Ikompli jtejjeb is-servizzi offruti mill-Uffiċini tal-Kunsill.<br>Dan għandu jsir billi joħloq il-makkinarju meħtieġ biex l-ilmenti jkunu trattati fil-ħin għas-sodisfazzjon tar-residenti. Il-Kunsill ghandu jinsisti mal-Gvern Centrali biex is-sistemi introdotti jkunu tal-oghla livell possibbli.<br>Għandu wkoll jiżgura li l-post ikun akkoljenti u mantnut kif inhu xieraq.<br>Għandu jkompli jiżgura l-aħħar teknoloġija biex isservi bħala l-aħjar għodda għall-ħaddiema tiegħu. |
| **3.1.1 Konsultazzjoni**<br>Konsultazzjoni sfiqa ma' dawk kollha milquta fi proġetti speċifiċi. | 2011/13 | Il-Kunsill ikompli jikkonsulta mar-residenti kull darba li jkun se jieħu deċiżjoni li tolqothom b'mod dirett. |
| **3.1.2 Għaqdiet tar-Residenti**<br>Għal konsultazzjoni iktar strutturata speċjalment meta jkunu se jsiru proġetti li jolqtu zona sħiħa. | 2011<br>-<br>2013 | Wara l-esperjenza pożittiva permezz tal-Kumitat Amministrattiv ta' Baħar iċ-Ċagħaq, il-Kunsill ikompli jistabilixxi numru ta' residenti biex iservu bħala punt ta' riferenza f'kull triq u jħeġġiġhom biex jingħaqdu f'kumitati żgħar.<br>Zoni Indikati: Salini, Magħtab, Birguma, San Pawl tat-Tarġa, Vjal il-21 ta' Settembru/Għenieq, Sgħajtar, Simblija, Naxxar Ċentrali. |
| **3.1.3 Konsultazzjoni ma' l-Għaqdiet Eżistenti**<br>Reliġjużi, politiċi, sportivi, kulturali, edukattivi u rikreazzjonali. | 2011/13 | Kooperazzjoni ikbar biex ma nħallux vojt u niskansaw id-duplikazzjoni. |

## 3.2 ĦIDMA SOĊJALI

| | | |
|---|---|---|
| Prijorità ogħla lill-aspett soċjali.<br><br>Biex ir-residenti kollha jiġu trattati skond il-ħtiġiet tagħhom. | 2011/12 | Ħidma mill-qrib ma' dipartimenti u aġenziji tal-gvern kif ukoll ma' għaqdiet volontarji sew nazzjonali kemm lokali.<br><br>Analiżi profonda għal identifikazzjoni u kwantifikazzjoni tal-ħtiġiet ta' kull grupp, b'konsultazzjoni u kooperazzjoni ma' dipartimenti, aġenziji u għaqdiet volontarji.<br><br>Ko-operazzjoni mal-Aġenziji biex jiġu zviluppati servizzi ta' Counselling.<br><br>Identifikazzjoni ta' voluntieri. |
| **3.2.1 Anzjani**<br><br>Biex l-anzjani jħossuhom komdi li jibqgħu jgħixu fid-djar tagħhom.<br><br>Biex l-anzjani, b'mod partikulari dawk mingħajr svog, jitħajjru jitħalltu aktar u jsibu svog ġdid. | 2011/13 | Konsultazzjoni u ko-operazzjoni ma' għaqdiet volontarji lokali biex la ssir duplikazzjoni ta' servizzi u lanqas inħallu bżonnijiet bla moqdija.<br><br>Wara li l-Kunsill fetaħ l-ewwel ċentru ta' matul il-jum ikompli jiżgura l-aqwa servizz u fejn hu possibbli jtejjeb fuq dak li diġà kiseb. |
| **3.2.2 Persuni bi Ħtiġiet Speċjali**<br><br>Jaħdem bis-sħiħ favur aktar drittijiet tal-persuni b'diżabilità. | 2011/13 | Assigurazzjoni ta' aċċessibiltà fil-postijiet pubbliċi kollha filwaqt li l-persuni b'dizabilità jħossuhom aktar parteċiepi fil-ħidma tal-Kunsill.<br><br>Dan jintlaħaq aħjar jekk il-Kunsill jirnexxilu jiġbor informazzjoni dwar l-ammont u l-kwalità ta' diżabiltà li għandhom dawn il-persuni. Ikomplu jiġu involuti l-għaqdiet speċjalment dawk l-aktar qrib dawn il-persuni. |
| **3.2.3 Persuni li jgħixu waħedhom**<br><br>Ħidma biex ħadd ma jħossu waħdu jew maqtugħ mis-soċjetà. | 2011/13 | Tinġabar informazzjoni dwar il-persuni li jgħixu waħedhom bil-għan li l-Kunsill ikun jista' jidentifika aħjar il-problemi u jsib soluzzjonijiet kif meħtieġ.<br><br>Biex jintlaħaq dan il-għan il-Kunsill ikun meħtieġ li jutilizza numru ta' voluntieri.<br><br>Issir ukoll konsultazzjoni ma' esperti bil-għan li l-Kunsill ikun jista' jidħol f'xi proġett ta' l-Unjoni Ewropea. |

| | | |
|---|---|---|
| **3.2.4 Żgħażagħ** | 2011/13 | Il-Kunsill ikompli jesplora attivament programmi u proġetti flimkien mal-Ministeru tal-Kultura u Żgħażagħ biex jieħu l-ikbar vantaġġi possibbli mill-programmi ta' l-Unjoni Ewropea.<br>Informazzjoni liż-żgħażagħ permezz ta' flyers u l-mezzi moderni ta' komunikazzjoni dwar dawn il-programmi – dan diġà qiegħed isir u għalhekk għandu jkompli jissaħħaħ.<br>Wara li l-Kunsill irnexxielu jorganizza l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, ikompli jsostnieh u jinkoraġġih ħalli aktar żgħażagħ jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' dan il-Kunsill. |
| **3.2.5 Oħrajn**<br>Għajnuna lil persuni bi problemi partikulari fosthom *single parents*, persuni b'mard mentali, ommijiet li jaħdmu u persuni li jieħdu ħsieb familjari, anzjani jew bi bżonnijiet speċjali. | | Ftehim ma' aġenziji governattivi biex jipprovdu servizz ta' counselling flimkien mal-Kunsill kif ukoll pariri kif nistgħu nsibu soluzzjonijiet għal dawn il-persuni. |

### 3.3 L-UNJONI EWROPEA

| | | |
|---|---|---|
| L-ikbar sfruttament tal-vantaġġi li ġġib magħha sħubija fuq livell lokali. | 2011 | Issir żjara f'Mornago (Italja). |
| | 2011/13 | Jintensifikaw il-kuntatti ma' Hailsham u Bucharest biex jipprova jikseb progetti bi shab. |
| | 2011/13 | Konsultazzjoni dwar sfruttament ta' fondi biex, fost l-oħrajn issir il-Heritage Trail. |

## 3.4. L-AMBJENT

| | | |
|---|---|---|
| **3.4.1. Il-Magħtab**<br><br>Il-Kunsill ikompli jsegwi u jinvolvi ruħu fir-riabilitazzjoni tal-miżbla tal-Magħtab u fl-iżvilupp ta' l-iskartiera proposta fl-Għallis ta' Ġewwa bl-għan li jara li l-interessi tar-residenti, speċjalment ta' dawk ta' l-inħawi immedjati, jiġu mħarsa. | 2011/13 | Isegwi bir-reqqa l-istudji ta' l-impatt ambjentali u kull studju ieħor dwar ir-riabilitazzjoni tal-mizbla.<br><br>Dan isir permezz ta' diskussjonijiet mal-partijiet konċernati inkluża l-Assoċjazzjoni Residenti Magħtab u bl-għajnuna partikulari tal-konsulenti tal-Kunsill. |
| **3.4.2. Ġbir/Separazzjoni tal-iskart**<br><br>Il-Kunsill determinat li l-livell ta' l-iġjene u l-effiċjenza fil-ġbir ta' l-iskart jogħla.<br><br>Separazzjoni ta' l-iskart.<br><br>Kooperazzjoni mal-Gvern Ċentrali biex is-separazzjoni ta' l-iskart sew fid-djar kemm permezz tal-Bring-in-Sites tkun suċċess. | 2011/13 | Insistenza mal-kuntrattur biex il-klawsoli fil-kuntratt jiġu rispettati f'kull ħin.<br><br>Konsultazjoni u kooperazzjoni ma' l-aġenzija fis-settur.<br><br>Twaqqif u indukrar tal-Bring-in-Sites<br><br>Il-Kunsill joħloq ukoll inizjattivi biex iħajjar aktar nies jisseparaw l-iskart filwaqt li, flimkien mal-Gvern Ċentrali jorganizza aktar kampanji edukattivi. |
| **3.4.3. Indafa fil-postijiet pubbliċi**<br><br>Li jgħolli l-livell tat-tindif tat-toroq urbani u l-inħawi rurali. | 2011/13 | Insistenza mal-kuntratturi biex jgħollu l-livell għal dak miftiehem. |
| **3.4.4. Tnaqqis fl-impatt ħażin tal-Barrieri**<br><br>Jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti viċini filwaqt li jtaffi l-ġerħa li l-barrieri jħallu fil-pajsaġġ Malti. | 2011/13 | Tkompli ssir sorveljanza fuq l-operat tal-barrieri bl-għajnuna ta' l-awtoritajiet koncernat (l-MEPA).<br><br>Riabilitazzjoni tal-barrieri li m' għadhomx użati. |
| **3.4.5. Ġonna**<br><br>Il-livell eċċellenti milħuq jkompli jiġi mtejjeb u nħawi ġodda żviluppati bil-għan li jisbieħ l-ambjent u tiżdied il-ħdura u l-kuluri li jpaxxu r-residenti u l-viżitaturi. | 2011/13<br><br>2011/13 | Il-Kunsill jiżgura li l-livelli tal-ġonna jkomplu jogħlew.<br><br>Żvilupp ta' biċċiet ta' artijiet pubbliċi f'ġonna jew imsâġar. |
| **3.4.6 Tniġġiz fl-arja**<br><br>Tnaqqis fit-tniġġiz fl-arja. | | ***Ara 3.7*** |

## 3.5 TOROQ, BANKINI U TISBIEĦ

| | | |
|---|---|---|
| Biex ir-residenti jkollhom toroq tajbin b'sigurtà ikbar. | | |
| **3.5.1 Kostruzzjoni ta' Toroq Ġodda mill-Gvern Ċentrali**<br>Għall-kumdità ikbar tar-residenti u sewwieqa li jużaw it-toroq. | 2011/13 | Konsultazzjoni u Kooperazzjoni mal-Ministeru tat-Trasport u Żvilupp Urban biex:<br><br>Tkun finalizzata l-junction tat-triq li min-naħa t'isfel ta' Vjal il-Labour twassal sal-Mosta.<br><br>Jinbnew numru ta' toroq li għadhom mhux kostruwiti.<br><br>Issir rikostruzzjoni ta' Vjal il-Labour. |
| **3.5.2. Manutenzjoni tat-toroq u l-bankini**<br>Jiksi aktar toroq bit-tarmak bil-għan li finalment it-toroq kollha li huma maħduma biż-żrar u l-qatran isiru xi ħaġa tal-passat. Fl-istess waqt irid jibqa' jaħdem fuq dawk it-toroq li, għalkemm fil-passat kienu inksew bil-hot asphalt, għandhom bżonn intervent biex jistgħu jissewwew. Dan isir permezz ta' *major patching*. | 2011/13 | |
| **3.5.3 (i) Kisi bit-tarmak** | 2011/13 | Il-Kunsill ikompli bix-xoghol skont il-lista stabbilita diga' filwaqt li jkompli jibni u jaggorna l-istess lista. |
| **3.5.3 (ii) Traqqiegħ (patching)** | 2011/13 | Wara li ġew imsewwija diversi toroq il-Kunsill ikompli janalizza t-toroq li fadal biex aktar toroq jingħataw l-attenzjoni li jixirqilhom. |
| **3.5.3 (iii) Bankini** | 2011/13 | Il-Kunsill ikompli jaggorna l-ħtiġiet tal-bankini ħalli jzomm lista aggornata skont il-prijoritajiet. |

| | | |
|---|---|---|
| **3.5.4. Titjib Estetiku**<br><br>Biex jiġi priservat u restawrat l-aspett tradizzjonali tan-Naxxar l-antik. | 2011/13 | Il-Kunsill għandu jimmira li jwettaq proġett ta' titjib kull sena li l-għan tiegħu hu iktar estetiku milli utiltarju bil-għan li jippriserva u jirrestawra l-aspett tradizzjonali tan-Naxxar l-antik.<br>Jingħata bidu tal-proċess billi jitħejja pjan komprensiv biex jiġi stabbilit l-inħawi residenzjali li jixirqilhom jiġu restawrati fuq stil antik.. Wara għandu jitħejja pjan ta' twettiq mifrux fuq numru ta' snin skont ir-riżorsi disponibbli. Meta l-pjanti jkunu lesti għandu jiġi konsultat il-pubbliku.<br><br>L-ewwel prioritajiet għandhom ikunu s-sqaqien li baqa' minn dawk it-toroq fejn ġa ġew restawrati u t-toroq mnejn tgħaddi l-purċissjoni. |

### 3.6. DAWL ELETTRIKU

| | | |
|---|---|---|
| Tikber il-kumdità għar-residenti<br><br>Sigurtà ikbar speċjalment fejn id-dlam iħajjar l-abbużi. | 2011/13 | Implimentazzjoni skont il-ħtiġiet. |

### 3.7 TRAFFIKU

| | | |
|---|---|---|
| Sigurtà ikbar għar-residenti meta jużaw it-toroq. | 2011/13 | Sistemi ta' traffiku f'direzzjoni unika fejn meħtieġ. |
| Tnaqqis fit-tniġġis ta' l-arja. | 2011/13 | Konsultazzjonijiet u kooperazzjoni mal-Gvern Ċentrali biex jitwettqu miżuri biex jonqos il-periklu fejn Vjal il-Labour tiltaqa' ma' Vjal il-21 ta' Settembru. |
| | 2011 'il quddiem | Miżuri biex it-traffiku joħroġ mingħajr periklu minn Baħar-iċ-Ċagħaq. Din se tkun parti mill-Pjan ta' TEN T iffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni Ewropea. |

## 3.8. INFURZAR LOKALI

| | | |
|---|---|---|
| • Kontroll tat-traffiku<br>• Vandaliżmu | 2011/13 | Dan isir sew bi programmi edukattivi kif ukoll b'infurzar tal-liġijiet u bye-laws sew fil-qasam tat-traffiku kif ukoll ta' l-ambjent.<br>Bħala edukazzjoni l-Kunsill jippubblika fuljett informattiv b'mod li jiftiehem sewwa mill-pubbliku.<br>Cameras tas-sigurtà. |
| | 2011/13 | Ikomplu l-laqgħat ma' sezzjonjiet differenti tal-Pulizija għal aktar ko-operazzjoni.<br>Jassigura iktar effiċjenti mill-Gwardjani Lokali. |
| • Kontroll tad-Droga | | B'għajnuna lill-pulizija. |

## 3.9 KULTURA U EDUKAZZJONI

| | | |
|---|---|---|
| Promozzjoni tal-wirt storiku, artistiku, arkitettoniku, kulturali u ambjentali tan-Naxxar. | | Il-Kunsill iqis li għandu l-ikbar rwol fil-ħarsien u l-promozzjoni ta' dan il-wirt. |
| Iżomm kuntatt kontinwu mas-soċjetajiet kollha tal-lokal u jaħdem mill-qrib biex jintlaħqu l-iskopijiet ċiviċi tal-Kunsill. | 2011/13 | Twaqqif ta' Kumitati *ad-hoc*. |
| | 2011/13 | Il-Kunsill jippubblika settijiet ta' fuljetti informattivi dwar dan il-wirt. |
| Il-Kunsill għandu wkoll jasal fi ftehim ġust mas-soċjetajiet tal-baned bil-għan li jkun hemm koperazzjoni u kollaborazzjoni kontinwa bejn il-partijiet kollha. | 2012 | Jiġi pubblikat ktieb bir-ritratti tal-postijiet u l-karatterstiċi Naxxarin. Dan ikun ktieb partikulari u ta' l-ogħla kwalità possibbli u jkun aktar ibbażat fuq ritratti. Minbarra li jingħata bħala rigal lil xi viżitaturi tal-Kunsill, jista' jkun qed jinbiegħ minn ħwienet ewlenin għat-turisti. |
| | 2011/13 | Rikordjar Awdjo-Viżiv professjonali ta' l-avvenimenti prinċipali fin-Naxxar. |
| | 2011/13 | Tkompli l-kooperazzjoni ma' l-iskejjel għall-għarfien ta' dan il-wirt. Joħloq kampanji fl-iskejjel favur l-edukazzjoni ċivika. |
| | 2011/13 | Jagħmel arranġamenti biex regolarment jingħataw lezzjonijiet minn persuni esperti f'dan il-qasam lit-tfal ta' l-iskejjel. |
| | 2011/13 | Wara l-pubblikazzjoni tal-mappa turistika l-Kunsill ikompli bl-isforzi biex aktar turisti jżuru n-Naxxar. |
| | 2011/13 | Ikunu organizzati attivitajiet kulturali fiz-zoni kollha. |
| | 2011/13 | Ikunu organizzati attivitajiet li jkabbru t-talent Naxxari. |
| | 2011/13 | Kontinwazzjoni tal-korsijiet varji, inkluż dawk fl-informatika u dawk organizzati flimkien mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni bħall-korsijiet tal-litteriżmu. |

### 3.10.SPORT U RIKREAZZJONI

| | | |
|---|---|---|
| Ir-residenti jkunu iżjed attivi.<br>Il-Kunsill jinkoraġixxi dixxiplini sportivi oħra li huma inqas popolari. | | Diskussjonijiet mal-Kumitati Sportivi u l-iskejjel dwar l-użu tal-faċilitajiet sportivi eżistenti.<br>Jorganizza kompetizzjonijiet u jħajjar il-formazzjoni ta' klabbs sportivi ġodda. |

## 4.1 L-Organizzazzjoni

L-organizzazzjoni baqgħet tiddependi għal kollox fuq il-liġi. Dan jirrigwarda kemm il-Kunsill innifsu kif ukoll l-impjegati tal-Kunsill. In-numru ta' Kunsillieri huwa ta' disgħa filwaqt li, permezz tal-emenda fil-liġi tal-Kunsilli Lokali biex tipprovdi għat-twaqqif tal-Kumitati Amministrattivi, il-membri preżenti waqt il-laqgħat tal-Kunsill telgħu għal għaxra permezz taċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv. Din tal-aħħar però m'għandix dritt li tivvota fit-teħid tad-deċiżjonijiet. In-numru ta' impjegati, minbarra s-Segretarju Eżekuttiv, huwa ta' ħamsa filwaqt li l-Kunsill ingħata l-permess, u jinsab fil-proċess, li jimpjega s-sitt persuna.

Artiklu 52 (1) tal-liġi tal-Kunsilli Lokali tiddefinixxi l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv bħala l-Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju tal-Kunsill. Din il-kariga tinkludi wkoll rwol importanti, dak ta' konsultazzjoni fuq diversi materji speċjalment dawk proċedurali.

Is-Segretarju Eżekuttiv iżomm ukoll kollaborazzjoni sħiħa u kuntatt kontinwu mas-Sindku, li għalkemm f'għajn il-liġi s-Sindku huwa membru daqs kull Kunsillier ieħor, ħlief fit-tmexxija tal-laqgħat, fir-realtà l-kariga tas-Sindku hija forsi l-aktar li trid impenn u ħin. Ħafna wkoll huma l-każijiet li s-Sindku f'konsultazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv ikollha tieħu ċertu deċiżjonijiet li ma jkunux jistgħu jistennew minn laqgħa tal-Kunsill għall-oħra. Dan però dejjem sar b'responsabbiltà u fil-parametri kollha tal-liġi.

L-amministrazzjoni hija magħmula (minbarra s-Segretarju Eżekuttiv) minn Assistent Uffiċjali Prinċipali, Uffiċjal Eżekuttiv u tliet Skrivani (Skala 15).

Persuna li jaħdem id f'id mas-Segretarju Eżekuttiv u l-uffiċjali l-oħra fl-amministrazzjoni huwa l-*Works Officer*. Dan huwa servizz b'kuntratt ta' erbgħin siegħa fil-ġimgħa.

Persuni oħra huma l-konsulenti li l-Kunsill jikkuntratta minn żmien għal żmien. Il-konsulenza li tingħata hija dwar aspetti Finanzjarji, Perizja, Legali, żvilupp fil-lokalità, u Inġinerija Elettrika.

Waħda mir-responsabbiltà li għandu l-Kunsill, dik ta' l-infurzar lokali, il-Kunsill jamministraha permezz ta' Kumitat Konġunt iffurmat apposta. Madanakollu, fix-xhur li ġejjin din ir-responsabbiltà se tgħaddi f'idejn il-Kumitati Reġjonali.

# 5.1 Tbassir Finanzjarju għal tliet snin

| | | a | b | c | c-b |
|---|---|---|---|---|---|
| Nru tal-Kont | DESKRIZZJONI | BAĠIT 2011 (LM) | BAĠIT 2012 (LM) | BAĠIT 2013 (LM) | BAĠIT 2011 - 2013 (LM) |
| **2** | **Dħul** | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | 826,388.00 | 811,421.88 | 819,536.10 | **2,457,345.98** |
| 0020 | Bye-Laws | 26,750.00 | 27,017.50 | 27,287.68 | **81,055.18** |
| 0090 | Investiment | 300.00 | 303.00 | 306.03 | 909.03 |
| 0100 | Generali | 55,200.00 | 55,752.00 | 56,309.52 | 167,261.52 |
| | TOTAL | 908,638.00 | 894,494.38 | 903,439.32 | **2,706,571.70** |
| **1** | **Infieq** | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | 150,449.77 | 151,954.27 | 153,473.81 | 455,877.85 |
| 2000 | Manutensjoni u Xogħlijiet oħra | 509,019.00 | 510,170.19 | 515,271.89 | 1,534,461.08 |
| 7000 | Infiq Kapitali | 218,210.00 | 51,510.00 | 52,025.10 | 321,745.10 |
| | TOTAL | **877,678.77** | **713,634.46** | **720,770.80** | **2,312,084.03** |
| | **SURPLUS/DEFICIT** | **30,959.23** | **180,859.92** | **182,668.52** | **394,487.67** |
| | **BROUGHT FORWARD** | | 30,959.23 | 211,819.15 | |
| | **CARRY FORWARD** | 30,959.23 | 211,819.15 | 394,487.67 | 394,487.67 |

## Noti:

Qed nassumu żieda ta' 1% fis-sena.

# 5.2 Tbassir tad-Dħul għal Tliet Snin

| Nru tal-Kont | DESKRIZZJONI | BAĠIT 2011 (LM) | BAĠIT 2012 (LM) | BAĠIT 2013 (LM) | BAĠIT 2011 - 2013 (LM) |
|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Dħul** | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | | | | |
| 0001 | Annwali | 803,388.00 | 811,421.88 | 819,536.10 | 2,434,345.98 |
| 0002 | Supplimentari | | | | |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | | | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubbliċi/Governattivi | | | | |
| 0015 | Oħrajn | 23,000.00 | | | 23,000.00 |
| | | **826,388.00** | **811,421.88** | **819,536.10** | **2,457,345.98** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 14,850.00 | 14,998.50 | 15,148.49 | 44,996.99 |
| 0036 | Kontravenzjonijiet ta' bye-laws | 8,200.00 | 8,282.00 | 8,364.82 | 24,846.82 |
| 0056 | Għotjiet sponsorjali | | | | |
| 0066 | Ġenerali | 3,700.00 | 3,737.00 | 3,774.37 | 11,211.37 |
| | | **26,750.00** | **27,017.50** | **27,287.68** | **81,055.18** |
| 0090 | Investiment | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 300.00 | 303.00 | 306.03 | 909.03 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | |
| | | **300.00** | **303.00** | **306.03** | **909.03** |
| 0100 | Generali | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 1,000.00 | 1,010.00 | 1,020.10 | 3,030.10 |
| 0120 | Kontribuzzjonijet | 54,200.00 | 54,742.00 | 55,289.42 | 164,231.42 |
| | | **55,200.00** | **55,752.00** | **56,309.52** | **167,261.52** |
| | **TOTAL** | **908,638.00** | **838,742.38** | **847,129.80** | **2,539,310.18** |

# 5.3 Tbassir ta' l-Infiq Għal Tliet Snin

| Nru tal-Kont | DESKRIZZJONI | BAĠIT 2011 (LM) | BAĠIT 2012 (LM) | BAĠIT 2013 (LM) | BAĠIT 2011 - 2013 (LM) |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Infieq** | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | | | | |
| 1100 | Onorarja tas-Sindku | 9,546.00 | 9,641.46 | 9,737.87 | 28,925.33 |
| 1101 | Allowance tal-Kunsillieri | 11,200.00 | 11,312.00 | 11,425.12 | 33,937.12 |
| 1200 | Salarji u pagi ta' l-impjegati | 104,544.00 | 105,589.44 | 106,645.33 | 316,778.77 |
| 1300 | Bonus | 9,165.41 | 9,257.06 | 9,349.63 | 27,772.11 |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 1,635.26 | 1,651.61 | 1,668.13 | 4,955.00 |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet ta' Sigurta Soċjali | 9,723.10 | 9,820.33 | 9,918.53 | 29,461.97 |
| 1600 | 'Allowances' | 1,636.00 | 1,652.36 | 1,668.88 | 4,957.24 |
| 1700 | 'Overtime' | 3,000.00 | 3,030.00 | 3,060.30 | 9,090.30 |
| | | **150,449.77** | **151,954.27** | **153,473.81** | **455,877.85** |
| 2000 | Manutensjoni u Xogħlijiet oħra | | | | |
| 2100 | Dawl, ilma, telefon, etc | 17,500.00 | 17,675.00 | 17,851.75 | 53,026.75 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 6,850.00 | 6,918.50 | 6,987.69 | 20,756.19 |
| 2300 | Tiswijiet u manutensjoni | 49,000.00 | 49,490.00 | 49,984.90 | 148,474.90 |
| 2400 | Kera | 200.00 | 202.00 | 204.02 | 606.02 |
| 2500 | Sħubija f' Assoċjazzjonijiet Internazzjonali | 3,900.00 | | | 3,900.00 |
| 2600 | Spejjeú ta' l-Ufficju | 5,150.00 | 5,201.50 | 5,253.52 | 15,605.02 |
| 2700 | Trasport | 1,100.00 | 1,111.00 | 1,122.11 | 3,333.11 |
| 2800 | VjaĠĠar/Safar | | | | |
| 2900 | Informazzjoni għal-Pubbliku | 8,420.00 | 8,504.20 | 8,589.24 | 25,513.44 |
| 3000 | Servizzi b'Kuntratt | 340,275.00 | 343,677.75 | 347,114.53 | 1,031,067.28 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 52,624.00 | 53,150.24 | 53,681.74 | 159,455.98 |
| 3200 | Training | 1,000.00 | 1,010.00 | 1,020.10 | 3,030.10 |
| 3300 | Ospitalita u servizzi lill-Komunita | 23,000.00 | 23,230.00 | 23,462.30 | 69,692.30 |
| 3400 | Spejjeú ohra li jinqalghu | | | | |
| 3600 | Spejjeú fuq infurzar lokali | | | | |
| 3700 | Dawl tat-toroq | | | | |
| | | **509,019.00** | **510,170.19** | **515,271.89** | **1,534,461.08** |
| 7000 | Infieq Kapitali | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | |
| 7100 | Bini | | | | |
| 7200 | Titjib fil-Bini | 51,000.00 | 51,510.00 | 52,025.10 | 154,535.10 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | | | | |
| 7500 | ProĠetti Speċjali | 167,210.00 | | | 167,210.00 |
| | | **218,210.00** | **51,510.00** | **52,025.10** | **321,745.10** |
| | **TOTAL** | **877,678.77** | **713,634.46** | **720,770.80** | **2,312,084.03** |